# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA* | *TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | DIĊEMBRU 1940

## L-ORTOGRAFIJA TAGĦNA

L-Ortografija tagħna, jiġifieri l-ortografija ta' l-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti', li l-lum hi l-ortografija uffiċjali tal-Gvern, inħadmet mill-aħjar nies li kellna f'din il-partita fis-snin 1922-23 f'xi tnejn u għoxrin laqgħa li kellhom fid-dar ta' l-U.C.S.G. il-Belt.

Il-għan ta' dawk li ħadu sehem f'dawk il-laqgħat kien illi jagħtu lill-ilsien Malti ortografija li twieġeb sewwa għas-sura tal-lsien malti, li hu semitiku, u f'ħin wieħed għax-xejrat li dan il-lsien ħa fid-drawwiet tal-ġens malti li hu ewropew.

Din l-ortografija, bl-alfabett u bir-regoli tagħha, dehret l-ewwel darba fit-'Tagħrif' li l-Għaqda ħarġet fl-1924.

Aħna li ħadna sehem f'dawk il-laqgħat, u li għadna hawn naħdmu għat-tisħiħ u għat-tirqim ta' lsienna, u li nafu kemm xkiel iltqajna miegħu—aktar min-naħa tal-pulitka milli min-naħa ta' l-istudji lingwistiċi—bqajna dejjem ingħarrxu u naħsbu jekk nistgħux insibu, u, jekk insibu, insewwu xi nuqqasijiet fit-tiswir ta' din l-ortografija, li bħal kull xogħol ieħor tal-bniedem, aktarx ma kellhiex toħroġ perfetta mill-ewwel.

Fil-ġurnali dehru xi fehmiet sewwa minn min kien jifhem fl-ilsna u sewwa minn min ma kienx: iżda aktarx kienu fehmiet persunali u dehriet tal-kustjoni min-naħa waħda biss: min ħares min-naħa tan-nisel tal-

Malti u xtaq idaħħal fl-Alfabet u fl-ortografija xi għeliem li jagħtihom sura aktar semitika; u min ħares min-naħa ta' l-użu fil-kliem ta' kulljum, u xtaq ineħħi u jbiddel xi ittri u xi għeliem, biex il-lsien malti jieħu xejra aktar ewropea u aktar taqbel mal-kliem kif inhu mlissen mill-Maltin tal-lum.

F'dawn l-aħħar xhur dehru wkoll ħafna artikoli min-nies li jidhru li jafu mhux biss il-bini tal-lsien malti, iżda wkoll ir-rabtiet li hu għandu ma' ilsna oħra ta' ġens wieħed; artikoli sbieħ fihom infushom, u li juru x-xogħol ta' reqqa li wieħed għamel fuq dan is-suġġett, iżda li għal dak li hu tisħiħ inkella tiswija ta' l-alfabet u ta' l-ortografija tal-Malti, ma kellhom u anqas ma sata' jkollhom ebda riżultat prattiku.

Aħna naħsbu illi għal dak li hu meħtieġ u fejjiedi, l-Ortografija tal-'Għaqda' għandha kullma ortografija tajba jista' jkollha; u l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fuq is-sura tagħha ma jkunux ħlief fuq irqaqat ta' studji lingwistiċi li tassew jistgħu juru l-leħħ taddehen, il-medda tar-raj u l-qawwa tal-ħsieb ta' min jagħmilhom, u jgħaxxqu lil min għandu l-ħajra għallingwistika, iżda li ma jfejdu xejn għal dak li titlob issura xjentifika iżda f'ħin wieħed prattika ta' l-ortografija ta' lsien mitkellem.

Għalhekk aħna nżommu wkoll illi jekk għada pitgħada l-Gvern ikun irid jamar b'liġi illi din tal-Għaqda tkun l-ortografija għal kull min ikun irid joħroġ ktieb, rivista, ġurnal, eċċ. ikollna ortografija tajba li fil-waqt li taqdi tajjeb biżżejjed il-jedd tal-lsien fis-sura tiegħu semitika, taqdi wkoll lill-ġens malti fix-xejra ewropea li hu ħa ma' tul bosta sekuli fit-tlissin tal-kelma maltija.

U ma jridx wieħed jinsa li fis-sittax-il sena li għaddew mill-ħarġa tat-"Tagħrif" dehru kotba bla għadd għall-iskejjel tal-Gvern u għall-familji miktubin

bl-ortografija tal-Għaqda kif dehret fit-"Tagħrif", u li ma jaqbelx li għal xi rqaqat li m'humiex ta' siwi prattiku, wieħed jitfa' fil-ġenb dawk il-kotba biex jibdilhom ma' oħrajn li ma jkollhomx ħlief divrenzji żgħar, li qajla jiswew għan-nies imħarrġin fl-ilsna semitki, u ma jiswew xejn għall-kotra tal-qarrejja u taż-żgħażagħ li jridu jhejju ruħhom għal xi eżami.

Jalla f'dawn il-kwistjonijiet jirbaħ dejjem il-għaqal u d-dehen imwieżen fis-sewwa mill-imħabba tal-Pajjiż fil-ġieħ u fil-ħtiġiet tiegħu.